**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 25 ta' Ġunju 2025**

**Kawża numru 32/2021**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Hubert Cini)**

**kontra**

**Ayrton Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi **Ayrton Bugeja**, ta' tlieta u għoxrin (23) sena, iben James u Elisabeth Denise nee' Gauci, imwieled il-Pieta' fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) u residenti fl-indirizz numru wieħed u ħamsin (51), Flat numru tlieta (3), Triq San Franġisk, Floriana, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 189997(M), li ġie mixli talli bejn l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), f'diversi ħinijiet bejn il-ħdax ta' filgħaxija (23:00hrs) u l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs), ġewwa Paceville, San Ġiljan, Malta, kif ukoll f'partijiet oħra f'Malta:-

Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokaina lil *Omissis 1* ta' tlettax (13)-il sena, liema droga kokaina hija speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu

liċenżja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament numru erbgħa (4) tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija titratta lil Ayrton Bugeja bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi kienu mogħtija lil Ayrton Bugeja u li saru definittivi u ma jistgħux jiġi mibdula.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

Semgħet fl-udjenza ta' nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu

[1] A fol. 45 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 7 tal-atti proċesswali

miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[3];

Rat illi fl-udjenza ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu[4];

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

L-**Ispettur (illum Supretendent) Hubert Cini**[5] xehed nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u spjega li nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m), meta huwa kien stazzjonat l-Għassa ta' Bormla, kien ġie nfurmat li ġewwa l-Isptar *Mater Dei,* kienet iddaħlet tifla ta' tlettax(13)-il sena li x'aktarx kienet qegħda tbati minn *overdose* ta' droga. Ix-xhud igħid li huma marru l-Isptar *Mater Dei* u kellmu lil din it-tifla li rriżulta li kienet *Omissis 1,* fil-preżenza ta' ommha *Omissis 3*.

*Omissis 1* qaltilhom li l-ġurnata ta' qabel, fil-lejl ta' bejn l-erbgħa u għoxrin (24) u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), hija kienet flimkien ma ħabiba tagħha bl-isem ta' *Omissis 2* u persuna oħra bl-isem ta' Shannon ġewwa Paceville, San Ġiljan, fil-post magħruf bħala *Clique*. Hemmhekk iltaqgħu ma Ayrton Bugeja mill-Furjana u waqt li kienu hemmhekk *Omissis 1* stqarret illi Ayrton Bugeja taha ammont sostanzjali ta' droga kokaina. Hi ddeskriviet l-ammont bħala sittax(16)-il linja. *Omissis 1* stqarret ukoll mal-Pulizija li huma telqu minn dan il-post għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu (7.00a.m) u kulħadd mar għal rasu. Hija marret ma *Omissis 2* fl-inħawi tal-Birgu. Hija stqarret ukoll li waqt li kienet il-Birgu, fi Triq Kardinal Fabrizio Sciberras,

[3] A fol. 51 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 12 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 13 tal-atti proċesswali

ma bdietx tħoss il-*beat* ta' qalbha u f'daqqa waħda ħassha ħażin u ssejħet l-ambulanza. Hija ttieħdet l-isptar u ġiet eżaminata minn Dr. Justine Bugeja, li stqarret mal-Pulizija li l-*heart beat* ta' *Omissis 1* kienet stabbli, pero bilfors li *Omissis 1* kienet ħadet xi tip ta' droga.

Ix-xhud igħid li huwa flimkien mal-Ispettur (illum Supretendent) Josric Mifsud kellmu lil Ayrton Bugeja, wara li ngħata l-*caution* u d-dritt tal-assistenza legali. Ix-xhud ippreżenta d-dikjarazzjoni tar-rifjut għall-assistenza legali li ġiet immarkata bħala 'Dok HC1'[6] u l-istqarrija tal-imputat li ġiet immarkata bħala 'Dok HC2'[7]. Igħid li fl-istqarrija tiegħu, Ayrton ċaħad li ta xi droga lil *Omissis 1*, għalkemm stqarr li veru kienu fil-kumpanija ta' xulxin. Ayrton stqarr li lil *Omissis 1* ra dieħla u ħierġa mill-post fejn kienu, iżda ma kienx jaf fejn kienet qegħda tmur. Stqarr ukoll li kultant *Omissis 1* kienet qegħda tkun *hyper*. Ċahad li hu jieħu d-droga u stqarr li huwa kien qed jipprova jidhol fix-xena tal-*clubbing* u ma jridx inkwiet.

Nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), reġa' xehed l-Ispettur (illum Supretendent) Hubert Cini[8] u ppreżenta l-att ta' twelid ta' *Omissis 1* li ġie mmarkat bħala 'Dok HC'[9].

Is-**Supretendent Josric Mifsud** xehed nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) meta d-depozizzjoni tiegħu ma ġietx reġistrata minħabba problema teknika. Ix-xhud reġa' ddepona nhar is-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[10] u kkonferma li nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-habta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30 a.m.), il-Pulizija kienet ġiet infurmata li kien hemm tfajla, ċertu *Omissis 1* li kienet iddaħlet l-Isptar *Mater Dei* tbati minn *overdose* tad-droga u li din it-tfajla kellha biss tlettax(13)-il sena. Il-Pulizija tad-Distrett marru l-Isptar *Mater Dei* u kellmu lil din it-tfajla fil-preżenza ta' ommha. Hija stqarret li kienet il-*Clique* f'San Ġiljan ma xi ħbieb tagħha u hemmhekk kienet iltaqgħet ma ċertu Ayrton Bugeja, li kien taha xi Kokaina u kienu daħlu jieħdu l-kokaina flimkien fit-*toilet*. Ix-xhud stqarr li huwa, flimkien mal-Ispettur (illum Supretendent) Hubert Cini kienu kellmu

[6] A fol. 16 tal-atti proċesswali
[7] A fol. 17 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 61 tal-atti proċesswali
[9] A fol. 63 tal-atti proċesswali
[10] A fol. 26 tal-atti proċesswali.

ukoll lil Ayrton Bugeja, li huwa għaraf bħala l-imputat fl-awla. Muri l-istqarrija tal-imputat immarkata bħala 'Dok HC 2', huwa kkonferma li din ittieħdet nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tas-sitta u għaxra ta' filgħaxija (6:10.p.m), wara li kien ingħata s-solita twissija u kien irrifjuta d-dritt li jkun assistit minn avukat. Huwa għaraf il-firma tiegħu, il-firma tal-Ispettur (illum Supretendent) Hubert Cini u tal-imputat. Muri id-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' parir legali mmarkata bħala 'Dok HC 1', huwa kkonferma li l-imputat kien għażel li jirrinunzja għad-dritt ta' assistenza legali qabel irilaxxa stqarrija. Huwa għaraf il-firma tiegħu, tal-Ispettur (illum Supretendent) Cini, kif ukoll ta' PS 583 u tal-imputat.

<u>In kontro-eżami,</u> ix-xhud stqarr li *Omissis 1* l-ewwel ġiet mitkellma waqt li kienet għada l-Isptar u sussegwentement ġiet mitkellma l-Għassa tal-Pulizija u dejjem kienet akkumpanjata minn ommha *Omissis 3*. Mistoqsi jekk tkellimx mal-operaturi tal-istabbiliment *Clique* jgħid li hu ma tkellimx magħhom. Igħid li ma jafx jekk inġabrux xi filmati meħuda minn *CCTV cameras* tal-istabbiliment *Clique* pero huwa personalment ma ġabarx filmati. Mistoqsi jekk it-tfajla kinetx ġiet mistoqsija ma min kienet dak il-lejl, ix-xhud igħid li t-tfajla stqarret li dak il-lejl kienet fil-kumpanija ta' tfajla oħra u ma semmiet lil ħadd iktar. Hija baqgħet tgħid li d-droga ġabitha mingħand l-imputat u ħaditha miegħu. Igħid li hu tkellem ukoll mat-tfajla l-oħra li kienet ma *Omissis 1*, li infurmatu min kienu il-ġuvintur li kien hemm dak il-lejl, fosthom l-imputat. Fuq domanda tad-difiża, huwa jikkonferma li kien preżenti meta xehdet *Omissis 1* quddiem il-Qorti, u anke meta xehdet in kontro-eżami. Huwa jgħid li kien semagħha tgħid li kienet ma xi persuni oħra u li kienet ħadet xi drogi ma persuni oħra. Jiftakar ukoll li kienet ikkonfermat li kienet ma raġel adult u kienu qablu li ma jsemmux ismu.

***Omissis 1*** xehdet nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) meta x-xhieda tagħha ma ġietx reġistrata minħabba problema teknika. Ix-xhud reġgħet iddeponiet nhar it-tmienja (8) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[11]. Hija kkonfermat li nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija (10:00 p.m.) hija kienet marret flimkien ma ħabiba tagħha *Gianpula* ġewwa r-Rabat u wara baqgħu sejrin *Playground Club* u wara *Clique Club* ġewwa Paceville. Hija tgħid li meta

[11] A fol. 30 tal-atti proċesswali

marru *Clique,* iltaqgħet ma Ayrton Bugeja u bdew jidħlu fit-*toilet* jieħdu d-droga kokaina. Tgħid li wara marret il-Birgu għand il-ħabiba tagħha u ma bdietx tħossha sew, taha ħass ħazin u spiċċat l-isptar u ma tafx x'ġara ezatt. Mistoqsija dwar il-kwantita' tad-droga li ħadet, hija tgħid li ħadet xi sittax-il linja tal-Kokaina. Tgħid li kienu hi u *Omissis 2*. Tikkonferma li meta daħlu fit-*toilet* sabiex jieħdu l-kokaina, kienu hi u l-imputat Ayrton Bugeja, li għarfitu bħala l-imputat fl-awla.

Tgħid li wara marret id-dar tal-ħabiba tagħha, ġewwa l-Birgu. Meta kienet ser toqgħod fuq is-sodda ma bdietx tħossha sew u ħarġet barra għax tgħid li ħasset bħal li kieku xi ħadd kien qiegħed jimbuttaha minn wara. Tiftakar li kien hemm in-nies li bdew jistaqsuha x'kien ġralha u ta ħass ħażin fit-triq u ntilfet minn sensiha. Tgħid li imbagħad ġiet l-ambulanza u ma tafx x'ġara eżattament minn hemmhekk.

Ix-xhud tgħid li dak iż-żmien kellha tlettax (13)-il sena. Mistoqsija minn fejn ġiet d-droga tgħid li ma tafx. Mistoqsija kif kienet ħaditha d-droga, hija tispjega li kienu fuq it-*toilet,* kellhom *card*, għamlu linja, remblu l-flus u ġibdu bil-flus. Tgħid li hija qatt ma xtrat droga, lanqas dak in-nhar. Tgħid li aktar *Omissis 2* kienet tixtri l-affarijiet, pero hi f'isimha qatt ma xtrat droga. Mistoqsija meta daħlu fit-*toilet,* minn fejn kienet ġiet id-droga, tgħid li kien Ayrton li ħareġ id-droga mill-but.

<u>In kontro-eżami</u>, mistoqsija jekk f'dak il-lejl kinitx ma xi persuni oħra apparti l-ħabiba tagħha, hija tgħid li ma tafx kemm kienu eżatt, pero tiftakar li fil-vann ma kinux waħedhom. Tgħid li huma marru bil-vann lejn il-Birgu, sabiex imorru d-dar. Tgħid ukoll li minn *Gianpula* għal *Playground Club* marru bit-*taxi* u tikkonferma li Ayrton ma kienx magħhom għax ma kinetx għada ltaqgħet miegħu. Tgħid li mill-*Playground* sal-*Clique* imxietha u *Clique* ltaqgħet ma' Ayrton. Mistoqsija jekk tiftakarx li fis-seduta ta' qabel meta ma kinetx ġiet rekordjata d-depożizzjoni tagħha, hija kienet qalet li kienet fil-kumpanija ta' raġel ieħor ikbar minnha fl-eta' u li kienet ħadet id-droga miegħu, hija tgħid li ma tiftakarx li qalet hekk. Mistoqsija jekk hux qed tigdeb, tgħid li taħlef li mhux qegħda tigdeb. Tgħid li lil dan il-persuna ma tiftakrux. Mistoqsija dwar l-ammont ta' sittax-il linja msemmi minnha, jekk tiftakrux, jew jekk tefgħatiex għal saqajha, ix-xhud tgħid li ma tiftakarx l-ammont eżatt u tgħid :- *"Le ma niftakariex, tfajtha għal saqajha. Għax jiena waqajt overdose mhux għax ħadt ftit ovvjament għax ħadt kwantita'."*

Tgħid li qabel dakinhar qatt ma kienet ħadet droga u li ma tiftakarx eżatt kemm ħadet għax dan il-każ kien ilu li seħħ sitt (6) snin. Tgħid ukoll li ħabibitha kienet tgħidilha sabiex tieħu d-droga u hi dejjem kienet irrifjutat, iżda dakinhar kienet xorbot u kient ħadet id-droga waqt li kienu fl-istabbiliment *Clique*. Tgħid li ma kinetx ħadet droga qabel marret *Clique*. Mistoqsija mid-difiża sabiex tgħid x'ismu r-raġel adult li kienet miegħu dak il-lejl, hija tgħid li ma tafx min hu u li *"Ma nafx min hu, naħliflek."* Tgħid li lil Ayrton ma kinitx tafu qabel u kienet iltaqgħet miegħu *Clique*. Tikkonferma li kienet iltaqgħet miegħu dakinhar l-ewwel darba. Tgħid li lanqas lil ħabiba tagħha ma kien jaf. Tgħid li ltaqgħet ma' Ayrton xis-sitta ta' filgħodu (6:00a.m.) tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016). Hija tikkonferma li dak iż-żmien kellha tlettax (13)-il sena.

***Omissis 3***, li tiġi omm *Omissis 1,* xehdet nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023)[12] fejn stqarret li tiftakar li kienet Buġibba u kienu ċemplulha mill-Isptar *Mater Dei* u qalulha sabiex tmur malajr għax bintha *Omissis 1* kienet qegħda ħażin. Tgħid li bintha twieldet nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002). Tgħid li bintha kienet mitlufa minn sensieha, kienet qisha mejta, iżda wara kienet qalbet għall-aħjar. Tgħid li tifla waħda għandha pero ma tiftakarx x'kienet qaltilha bintha meta giet f'sensieha għax għadda ż-żmien. Tgħid li bintha kienet qaltilha li kienet il-Birgu mal-ħbieb tagħha u kellha tazza b'xi xorb u waddbulha xi ħaġa ġo fiha. Taf li *Omissis 2* hija ħabiba tagħha. Fl-awla tagħraf biss lil *Omissis 2*.

***Omissis 2*** xehdet nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023)[13] fejn stqarret li kien hemm xi żmien meta kienet tagħmilha ma *Omissis 1* u tiftakar li kien hemm ġurnata partikolari meta ġiet l-ambulanza għaliha. Tgħid li probabbli kienu ħarġu Paceville. Mistoqsija għalfejn kienet ġiet l-ambulanza, tgħid li *Omissis 1* qaltilha li ma kinitx qegħda tħossha sew u intelqet mal-art u marret l-ambulanza għaliha. Tgħid li dakinhar kienu hi u *Omissis 1*. Mistoqsija jekk tagħrafx lil xi ħadd fl-awla, tgħid li ma tagħraf lil ħadd. Tghid li hi marret ma *Omissis 1* l-Isptar. Mistoqsija x'kienet qaltilha *Omissis 1* li ġralha, tgħid li ma tiftakarx eżatt u tgħid li *Omissis 1* ma kinetx fi stat li tkellimha. Mistoqsija dwar Ayrton Bugeja, tgħid li ma tiftakar xejn fuqu. Mistoqsija, jekk

[12] a fol. 53 tal-atti proċesswali
[13] a fol. 56 tal-atti proċesswali

meta kienu barra kinux iltaqgħu ma xi nies, ix-xhud tgħid li jista' jkun, iżda tgħid li ma tiftakarx ma min kienu ltqagħu.

**PC 226 Karl Pace** xehed nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), fejn stqarr li nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), waqt li kien xogħol, bħala *telephone orderly* ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Bormla, irċeva telefonata għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30 a.m) minn ġewwa l-Isptar *Mater Dei,* fejn ġie nfurmat li kienet iddaħlet tifla ta' tlettax(13)-il sena b'*overdose* ta' droga, li rriżulta li kienet *Omissis 1*. Igħid li huwa nforma minnufih lis-Surġent tal-Għassa PS 1576 sabiex isir aktar stħarriġ min-naħa tiegħu.

Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhieda lil **PS 583 Evan Grech** li kien xhud tad-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-parir legali tal-imputat u lil **PC 1576 Simon Grech** li kien rrediġa r-rapport tal-Pulizija[14].

Id-difiża eżentat ukoll lill-prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhud lil **Dr. Justine Bugeja** li magħha kienet tkellmet il-Pulizija ġewwa l-Isptar *Mater Dei*[15].

**L-Istqarrija tal-imputat[16]**

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), wara li ngħata t-twissija li *"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova."* Huwa ngħata ukoll l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni, liema jedd huwa għażel li jirrifjuta.

Mistoqsi x'jaf dwar *Omissis 1* li dakinhar stess kienet iddaħlet l-Isptar tbati minn *overdose* ta' kokaina, l-imputat jistqarr illi dakinhar għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00 a.m) huwa kien qieghed il-*Playground Club*, jalterna bejn id-*DJ box* u d-*dance floor* u marret waħda tfajla tkellmu. Din kienet l-ewwel darba li kien iltaqa' magħha. Igħid li hemmhekk damu madwar siegħa jew sagħtejn u minn hemmhekk marru *Clique* u hemmhekk qagħad mal-bar u fid-*dance floor*. Din it-

[14] A fol. 23 tal-atti proċesswali
[15] A fol. 30 tal-atti proċesswali
[16] Dok HC 2 a fol. 17 tal-atti proċesswali

tfajla li kien jisimha *Omissis 1*, kienet ma tfajla oħra li jisimha *Omissis 2*. Igħid li waqt li kienu *Clique, Omissis 1* bisietu u beda jixrob u jiżfen. Igħid li minn ħin għall-ieħor *Omissis 1* kienet titlaq u terġa' tiġi. Damu hemm sakemm sebaħ.

Jaf li wara t-tfajliet marru Bormla u hu mar lura waħdu d-dar. Igħid li pero t-tfajliet ma marrux id-dar pero marru ix-Xgħajra tal-Birgu, flimkien ma raġel li kellu xi erbgħin (40) sena. Igħid li dan ir-raġel jaħseb li kellu erbgħin (40) sena pero seta' kien iżgħar. Jaf li ltaqgħu miegħu *Clique*. Igħid li ma jafx x'jismu pero jgħid li t-tfajliet jidher li kienu jafuh għax hu beda jgħid lil *Omissis 1* li qisha oħtu u *Omissis 1* tgħid li qisu missierha. Mistoqsi meta *Omissis 1* kienet qegħda titlaq minn ħdejh, jekk jafx fejn kienet qegħda tmur u ma min, igħid li ma jafx. Mistoqsi jekk *Omissis 2* kinetx tkun magħha, igħid *"Jidhirli li iva"*. Igħid li dan ir-ragel qalulu li hu mis-Siġġiewi u telaq magħhom bit-taxi. L-imputat igħid li din kienet l-ewwel darba li hu ltaqa' magħhom.

Huwa jiċħad li hu qatt ta xi droga lil *Omissis 1* u jgħid li hu jistkerrahom id-drogi. Igħid li qiegħed jipprova jagħmel isem għalih fid-dinja tal-mużika u għalhekk dawn l-affarijiet żgur li ma jagħmilhomx. Mistoqsi jekk kienx għamel xi ħaġa lil din it-tfajla biex skond hu gidbet fuqu, igħid li ma għamlilha xejn. Igħid li dakinhar lanqas kellu ħsieb li jiltaqa' ma nisa. Igħid li mar hemmhekk għaliex kienu qalulu li kien ser idoqq hemm fit-tmienja (8) ta' Lulju tal-istess sena u għalhekk mar b'rispett, biex ma jmurx hemm biex idoqq biss. Igħid ukoll li huwa ma jużax droga u li jibża minnha d-droga għax għandu ziju tiegħu li jgħix barra minn Malta li kien fid-dinja ta' droga u ma jridx igħaddi minn dak li għadda hu.

Igħid li *Omissis 1* weħlet fih għax in-nies raw lilu magħha, biex tgħatti lil dak li ta d-droga. Igħid li t-tfajliet tampar xulxin u li kien mingħalih li għandhom xi sittax (16) jew sbatax (17)-il sena. Mistoqsi jekk jixtieqx iżid xi ħaġa oħra ma dak li qal, igħid *"Jista' jkun dak li għandu erbgħin sena għamlilhomx xi ħaġa. Le."* Igħid li hu kien beda jħossu għajjien u kien sar il-ħin. Mistoqsi dwar l-atteġġjament ta' *Omissis 1* dakinhar, igħid li kienet *hyper* u li ma għajjietx.

**L-imputat**[17] għażel illi jieħu l-pedana tax-xhieda f'dawn il-proċeduri. Huwa xehed nhar il-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u

[17] A fol. 71 tal-atti proċesswali

kkonferma li kienu bagħtu għalih il-Pulizija u kien anke rrilaxja stqarrija. Igħid li dakinhar huwa kien mar ġewwa *club* jismu *Playground* ġewwa Paceville u iltaqa' ma *Omissis 1* u l-ħabiba tagħha *Omissis 2.* Igħid li dawn it-tfajliet ma kienx jafhom minn qabel. Hemmhekk bdew jiddevertu u jixorbu flimkien. Igħid li meta kienu *Playground* li hu club fil-kumpless ta' Sky quddiem id-Dragonara *Omissis 1* u l-ħabiba tagħha kienu waħedhom, iżda meta marru *Clique* ltaqgħu ma raġel. Igħid li marru *Clique* għal ħabta tal-erbgħa jew il-ħamsa ta' filgħodu, wara li għalaq *Playground*. Hemmhekk iltaqgħu ma raġel *middle aged*. Igħid li dawn it-tfajliet filli jkunu miegħu u filli jisparixxu. Lil dan ir-raġel igħid li ma kienx jafu qabel u jgħid li ma jafx x'ismu. Igħid li t-tfajliet kienu jafuh qabel għax *Omissis 1* bdiet tgħid li kien qisu missierha u hu beda jgħid li *Omissis 1* qisha oħtu. Igħid li huwa ma nqalax minn mal-bar u igħid ukoll li ra lil dawn it-tfajliet deħlin u ħerġin mit-*toilet,* anke ġieli rahom ħerġin mit-*toilet* ma dan ir-raġel. Igħid li deheru *hyper*. Jiċħad li ta xi ħaġa lil waħda minn dawn it-tfajliet. Igħid li xtralhom biss xi *drink.* Igħid li fl-ebda ħin ma mar magħhom it-*toilet.* Qabel ma telqu *Omissis 1* qaltlu biex imur il-Birgu magħhom, iżda qalilha li kien għajjien u li kien sejjer id-dar. Dak il-lejl ma kkonsma l-ebda droga. Id-dar mar bit-taxi.

<u>In kontro-eżami</u>, l-imputat igħid li huwa ma kienx jaf li *Omissis 1* spiċċat l-isptar qabel ma bagħtu għalih il-Pulizija sabiex jinterrogawh. Jiċħad li ta xi sustanzi lil *Omissis 1* jew li ra lil *Omissis 1* tieħu xi sustanzi, pero seta' jissuspetta li ħadet xi sustanzi, għax kienet *hyper*.

**Ikkunsidrat:**

In linea preliminari, jingħad illi l-imputat irilaxxa stqarrija nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), wara li ngħata s-solita twissija skond il-liġi, kif ukoll il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju, li dak iż-żmien li ttieħdet l-istqarrija kien limitat biss għal siegħa qabel l-interrogatorju. L-imputat kien għażel li ma jeżerċitax dan id-dritt. Illi l-imputat ma kienx ingħata d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju għaliex fiż-żmien li l-imputat irilaxxa l-istqarrija tiegħu, id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju ma kienx għadu daħal fis-seħħ. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), permezz tal-Avviż Legali numru erba' mija u wieħed (401) tas-sena elfejn u sittax (2016).

Madanakollu minn analiżi tal-atti proċesswali, ma jirriżultax li l-imputat ilmenta dwar l-istqarrija rilaxxata minnu u dan minkejja li fil-proċeduri odjerni huwa kien debitament assistit u kellu kull opportunita li jressaq kwalunkwe ilment li seta' kellu dwar dan. Minn qari tal-istess stqarrija jirriżulta li l-imputat għażel li jwieġeb għad-domandi li sarulu mill-Uffiċjal investigattiv, iżda fl-ebda ħin ma nkrimina ruħu, għaliex huwa ċaħad li kien hu li forna d-droga kokaina lil *Omissis 1*. Minn analiżi tal-atti proċesswali jirriżulta wkoll li t-tweġibiet tiegħu ma kinux prova determinanti għall-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Illi jingħad ukoll li minkejja li l-imputat kellu dsatax-il sena u kellu fedina penali netta, ma jirriżultax li jeżistu xi kundizzjonijiet li minħabba fihom l-imputat ikun meqjus bħala persuna vulnerabbli waqt it-teħid tal-istess stqarrija.

Stabbilit dan, din il-Qorti qieset il-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mogħti fil-każ ***Beuze v. Il-Belġu***[18] u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin fis-sentenzi mogħtija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kriminali, kif ukoll Kostituzzjonali[19]. Illi mill-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, jirriżulta li l-fatt li l-persuna suspettata li kkomettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr assistenza legali ma jwassalx bilfors għal ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha fil-proċeduri ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu kontra l-istess persuna. Referenza ssir ukoll għall-insenjament riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Jean Marc Dalli vs. Kummissarju tal-Pulizija et**[20] fejn ingħad illi l-Qorti trid tistħarreġ l-*overall fairness* skond il-varji kriterji (mhux tassativi) li jissemmew fis-sentenzi **Beuze v. Il-Belġju** deċiża mill-Grand Chamber fid-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u s-sentenza **Carmel Joseph Farrugia v. Malta** deċiża fl-erbgħa (4) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019).

Illi għaldaqstant, wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-prinċipji stabbiliti fis-sentenzi imsemmija, kif ukoll l-fatt li l-istqarrija tal-imputat ġiet meħuda skond il-liġi viġenti dak iż-żmien u għaldaqstant hija kkunsidrata bħala valida legalment, u tenut kont tal-fatt li l-imputat qatt ma ilmenta mill-istqarrija rilaxxata minnu u rrefera għaliha bħala prova fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, din il-Qorti

[18] 9 ta' Novembru 2018
[19] Referenza ssir għas-sentenzi fl-ismijiet **Morgan Onurah -vs- l-Avukat tal-Istat**, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Kevin Gatt et**, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021, **Christopher Bartolo -vs- l-Avukat tal-Istat**, Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022, **Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Andrew Mangion**, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022, **Emanuele Spagnol -vs- Avukat Ġenerali et**, 31 ta' Mejju 2023
[20] Deċiża 31 ta' Mejju 2023

ma hijiex tal-fehma li għandha tkun hi li mingħajr ebda talba mill-imputat f'dan is-sens, tisfilza l-imsemmija stqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll**

Illi l-imputat jinsab akkużat talli forna jew ipprokura d-droga kokaina lil *Omissis 1*, minuri ta' tlettax (13)-il sena u dan f'xi ħin bejn il-ħdax ta' filgħaxija (11 p.m.) tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju u l-għaxra ta' filgħodu (10 a.m.) tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016). Illi minn eżami ta' l-iter proċesswali huwa evidenti li l-unika prova li ressqet il-prosekuzzjoni in sostenn ta' din l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, hija x-xhieda ta' *Omissis 1*. Jirriżulta fil-fatt mill-provi prodotti illi l-imputat ġie akkużat bir-reat ta' traffikar tad-droga kokaina, fid-dawl ta' dak li kienet stqarret mal-Pulizija, *Omissis 1*, wara li nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), hija ddaħħlet l-Isptar *Mater Dei* tbati minn *overdose* tad-droga. Id-difiża targumenta li din il-prova ma hijiex suffiċjenti fil-kamp penali sabiex tiġi stabbilita r-reita għal din l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat u dan għaliex fil-fehma tad-difiża din ix-xhud ma hijiex konsistenti fil-verżjoni tagħha.

Illi sabiex din il-Qorti tasal għall-ħtija *o meno* tal-imputat, jeħtieġ għalhekk illi l-Qorti tqis il-kredibilita' *o meno* li għandha tingħata lix-xhud *Omissis 1*. Fir-rigward, il-Qorti ser tibda sabiex tqis id-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw xhieda ta' din ix-xorta. Illi skond l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali:-*"..ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."* Illi l-Artikolu 637 imbagħad jiddisponi li fi kwistjonijiet li jolqtu biss il-kredibbilita' tax-xhud għandu jittieħed qies minn min għandu jiġġudika tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda tiegħu għandix mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda tiegħu hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ġie mbagħad ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Joseph Thorne**[21] deċiża fid-disgħa (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003), mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, illi mhux kull kunflitt fil-provi għandu awtomatikament

[21] Appell Kriminali Numru 59/2003

iwassal għall-liberazzjoni tal-persuna akkużata, iżda l-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux.

Imbagħad l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Illi jingħad li meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċioe' jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) ġie ritenut is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata."*

Illi, f'dan il-każ, il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti – da parti waħda l-verżjoni ta' *Omissis 1*, li kemm *a tempo* vergine, kif ukoll fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti, tallega li hija kienet ikkonsmat id-droga kokajina flimkien mal-imputat, liema droga kien provdielha l-istess imputat - u da parti l-oħra l-verżjoni tal-imputat odjern, li jiċħad kemm *a tempo vergine* fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, illi huwa kien ta xi droga lil *Omissis 1* jew li huwa kien ikkonsma xi droga flimkien magħha.

Illi l-fatti tal-każ li ma hemmx kontestazzjoni dwarhom huma s-segwenti:- Jirriżulta li fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), l-imputat u *Omissis 1* kienu fil-kumpanija ta' xulxin fl-istabbiliment *Clique* ġewwa Paceville, fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. Jingħad ukoll illi l-imputat u *Omissis 1* li kellha tlettax (13)-il sena ma kinux jafu lil xuxlin qabel, u li dakinhar

flimkien ma *Omissis 1*, kien hemm ukoll ħabiba tagħha, ċertu *Omissis 2*. Jirriżulta ukoll li *Omissis 1* waqt li kienet *Clique* ħarġet u daħlet it-*toilet* diversi drabi sabiex tieħu d-droga, għalkemm hemm kontestazzjoni dwar min fil-fatt daħal magħha. Aktar tard, meta *Omissis 1* ma kinitx fil-kumpanija tal-imputat, hija ħassitha ma tiflaħx u ddaħlet l-Isptar *Mater Dei*, fejn irriżulta li kienet qegħda ssofri minn *overdose* tad-droga.

Il-Qorti tqis illi hekk kif jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, sa mill-bidu nett *Omissis 1* indikat lill-imputat bħala l-persuna li fil-lejl in kwistjoni kien taha d-droga. Dan reġgħat ikkonfermatu quddiem din il-Qorti, fejn anke għarfet lill-imputat fl-awla u stqarret li bdew jidħlu t-*toilet* flimkien jieħdu d-droga. Ix-xhud tistqarr hekk:-

*"Xhud: Mela, kien l-24 ta' Ġunju, fejn jiena u ħabibti morna*

*Qorti: Ta' liema sena? Jekk jogħġbok.*

*Xhud: 2016. Fejn jiena u ħabibti, kienu xi l-għaxra morna Gianpula, wara bqajna sejrin Playground ġewwa Paceville u wara Playground tlajna Click, fejn* ***iltqajt ma Ayrton****.* ***Bdejna nidħlu fit-toilet nieħdu d-droga****.*

*Pros: Tgħidilna x'ħadtu? Please.*

*Xhud:* ***Coke****. ....* "

U aktar 'il quddiem fix-xhieda tagħha tgħid :-

*"Pros: Meta għidtilna dħaltu fit-toilet, tieħdu l-coke, tiftakar min kontu ?*

*Xhud:* ***Jiena u Ayrton****.*

*Pros:* ***Lil Ayrton tagħrfu hawnhekk?***

*Xhud:* ***Iva.***

*Pros: Tista' tindikah ? Please.*

*Qorti: Ix-xhud qed tagħraf l-imputat fl-awla."*[22]

Mistoqsija kif kienu ħaduha l-*coke*, tirrispondi hekk: *"Konna fuq it-toilet, jkollok card, tagħmilha linja, trembel il-flus u tiġbed bil-flus. Trembilha u tiġbed bil-flus."* Aktar tard fix-xhieda tagħha meta ġiet mitluba tgħid minn fejn ġiet id-droga hija tgħid:-

*"Pros: Meta dħaltu fit-toilet, tiftakar jekk sibtiex diġa hemm id-droga jew ħariġha xi ħadd?*

*Xhud:* ***Le ħariġha Ayrton****.*

*Pros: Ħariġha Ayrton. Minn fejn? Kif? Tiftakar?*

*Xhud: Le* ***kienet fil-but u ħariġha****."*

Illi dan ifisser li hawnhekk ix-xhud reġgħet ikkonfermat dak li kien intqal minnha lill-Pulizija sa mill-bidu nett, u ċioe' li kien l-imputat odjern li kien għaddiela d-droga kokaina. Illi l-Qorti tqis li x-xhud fl-ebda stadju ma tixhed illi kien hemm xi terza persuna li għadditielha d-droga, iżda tibqa' tinsisti li kien l-imputat li provdielha d-droga kokaina. Il-Qorti tqis ukoll illi anke kieku dak sottomess u argumentat mid-difiża dwar l-eżistenza ta' terza persuna flimkien magħhom kien minnu, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li *Omissis 1* sa mill-bidu nett allegat u kkonfermat bil-ġurament tagħha quddiem din il-Qorti, li d-droga ġiet mgħoddija lilha mill-imputat odjern. Illi s-sottomissjoni tad-difiża ma kinitx li t-terza persuna taha d-droga, <u>iżda li hi kkonsmat</u> id-droga flimkien ma terza persuna li ma kienx l-imputat.

Illi għalhekk ix-xhud fl-ebda ħin ma biddlet xi ħaġa għal dak li jirrigwarda l-identita' tal-persuna <u>li kienet għaddietielha</u> d-droga, li baqgħet tinsisti li kien l-imputat. Illi l-Qorti tqis li nonostante l-fatt li wara t-trapass ta' żmien kien hemm

[22] A fol. 32 tal-atti proċesswali

ċertu dettalji li ma baqgħetx tiftakarhom, ix-xhud ftakret u kkonfermat dettalji importanti għal fini ta' dan il-każ. Illi fil-fatt hija għarfet lill-imputat ġewwa l-awla u ndikatu bħala l-persuna li daħlet miegħu fit-*toilets* fejn ħadu d-droga kokaina li kien provdielha hu stess.

In kwantu d-dikjarazzjoniet tax-xhud fir-rigward tal-kwantita tad-droga kokaina li tgħid li kien provdielha l-imputat, ix-xhud tgħid hekk :-

| | |
|---|---|
| *"Pros:* | *Paceville ukoll. Issa għal li jista' jkun tiftakar l-kwantita li ħadt ?* |
| *Xhud:* | *16 lines, xi ħaġa hekk.* |
| *Pros:* | *Ta' xiex?* |
| *Xhud:* | *Coke."* |

In kontro-eżami, mistoqsija dwar il-kwantita' tad-droga li kienet ikkonsmat, ix-xhud tgħid hekk :-

| | |
|---|---|
| *"Dr. A. Azzopardi:* | *Jekk ngħidlek li fis-seduta li għaddiet inti ma semmejtx sittax-il linja imma semmejt ammont ferm inqas ta' droga, xi tgħid ?* |
| *Xhud:* | *Ma nafx.* |
| *Dr. A. Azzopardi :* | *Is-sittax-il linja li semmejtielna illum? Tfajtha għal saqajha jew qed tiftakarha?* |
| *Xhud :* | *Le ma niftakariex. Tfajtha għal saqajha. Għax jiena waqajt overdose mhux għax ħadt ftit ovvjament ħadt kwantita.* |
| *Dr. A. Azzopardi :* | *Qabel dakinhar inti kont ħadt droga oħra ?* |

| | |
|---|---|
| *Xhud:* | *Le.* |
| *Dr. A. Azzopardi :* | *Allura għalfejn qed tassumi li ħadt ħafna ?* |
| *Xhud:* | *Ma nafx.* |
| *Dr. A. Azzopardi:* | *Inti tfajtha għal saqajha.* |
| *Xhud :* | *Eżatt."* |

Din il-Qorti tqis li x-xhieda ta' *Omissis 1*, ma kinitx determinanti fir-rigward tal-ammont tad-droga li għaddielha l-imputat u għaldaqstant din il-Qorti m'għandix prova sal-grad rikjest fil-liġi dwar l-ammont ta' droga kokaina li kien forniha l-imputat. Madankollu l-Qorti tqis li l-kwantita' kienet tali li wasslet lil *Omissis 1* sabiex tiddaħħal l-Isptar Mater Dei tbati minn *overdose* tad-droga.

In kwantu imbagħad għal dak sottomess mid-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha, u ċioe' li fl-istqarrija tiegħu u fix-xhieda tiegħu bil-ġurament, l-imputat dejjem qal b'mod konsistenti li huwa nnota diversi drabi lil *Omissis 1* u lil ħabiba tagħha deħlin u ħerġin mit-*toilet* ma raġel ta' erbgħin sena, il-Qorti ma tistax ma tinnutax li kuntrarjament għal dak sottomess mid-difiża, l-imputat biddel il-verżjoni tiegħu proprju dwar dan.

Illi jingħad illi għalkemm l-imputat dejjem stqarr li kien hemm persuna oħra ta' sess maskili, ikbar fl-eta' fil-kumpanija tagħhom, li huwa fl-ebda ħin ma identifikah b'ismu, u minkejja ukoll li mill-bidu nett kien stqarr li minn ħin għall-ieħor *Omissis 1* kienet titlaq minn ħdejh u terġa' tiġi, il-Qorti tinnota li fl-istqarrija tiegħu, rilaxxjata nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), l-imputat irrisponda hekk meta ġie mistoqsi fejn kienet qegħda tmur *Omissis 1* meta tisparixxi :-

> *"M  Meta Omissis 1 kienet qed titlaq minn ħdejk, taf kienet qed tmur, u ma min ?*

*T* ***Le, boo tisparići****."*

Madanakollu, meta ddepona quddiem din il-Qorti, l-imputat imbagħad igħid hekk :-

| | |
|---|---|
| *"Dr. J. Magri:* | *U waqt li qegħdin Clique x'ġara ltqajtu ma dan ir-raġel* |
| *A. Bugeja:* | *Filli jkunu qegħdin ħdejja u filli jisparixxu. Fhimt.* ***Ġieli eżempju narahom ħerġin mit-toilet u anke ġieli rajthom ħerġin miegħu jiġifieri.*** |
| *Dr. J. Magri:* | *Orrajt. Inti ma nistax nagħmillek domandi diretti. Inti semmejt li bdew deħlin u ħerġin mit-toilet. Inti x'għamilt min-naħa tiegħek?* |
| *A. Bugeja:* | *Jien kont mal-bar u ma nqlajx minn mal-bar jiena.* |
| *Dr. J. Magri:* | *orrajt u x'ġara min hemm?* |
| *A. Bugeja:* | *Huma kienu bħal speċi ġejjin u sejrin. Kienu ovvjament kienu jidhru naqra hyper I mean kulħadd għajnejh f'wiċċu jiġifieri* |
| *Qorti:* | ***Ġejjin u sejrin minn fejn għal fejn meta tgħidli ġejjin u sejrin ?*** |
| *A. Bugeja :* | ***Mit-toilet****.* |
| *Qorti:* | *Ok.* |
| *Dr. J. Magri:* | ***Jiġifieri intom kontu qegħdin ġol-club, dawn deħlin u ħerġin minn ġot-toilet****.* |
| *A. Bugeja:* | ***Eżatt."*** |

U aktar ‘il quddiem fix-xhieda tiegħu :-

| | |
|---|---|
| *“Dr. J. Magri:* | *Semmejt lil dan il-persuna avvanzat fl-eta li ltqajtu miegħu ġo Clique.* |
| *A. Bugeja:* | *Iva* |
| *Dr. J. Magri:* | *Inti innutajtu jagħmel xi ħaġa. Mela semmejt lil Omissis 1 bdejt tinnutaha dieħla u ħierġa. Tisparixxi biex nuża l-kelma tiegħek u Hu għamel xi ħaġa partikolari?* |
| *Qorti:* | *X’ra Hu* |
| *Dr. J. Magri:* | *X’ra Hu. X’rajt inti* |
| ***A.** Bugeja:* | ***Li rajt jiena huma ħerġin mit-toilet miegħu*** |
| *Dr. J. Magri:* | ***Miegħu jiġifieri kienu deħlin*** |
| *A. Bugeja:* | ***Mhux il-ħin kollu imma sikwit.”*** |

Għalhekk il-Qorti ma tistax ma tinnutax li kuntrarjament għal dak sottomess mid-difiża, meta l-imputat iddepona quddiem din il-Qorti fil-ħmistax (15) ta’ April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), u ċioe’ kważi tmien (8) snin wara l-akkadut, l-imputat ibiddel il-verżjoni – din id-darba igħid mhux biss li kien jaf fejn kienet qegħda tmur *Omissis 1* meta kienet tisparixxi, iżda saħansitra kien jaf ma min kienet qegħda tkun !

Jingħad ukoll li din il-Qorti m’għandhiex għaliex tiddubita mill-verżjoni mogħtija minn *Omissis 1* fir-rigward ta’ dak mistqarr minnha dwar il-persuna li kienet għadditielha d-droga. Minn din il-verżjoni ta’ fatti jirriżulta li kien l-imputat li għadda d-droga kokaina lil *Omissis 1*. Illi miċ-ċertifikat tat-twelid ta’ *Omissis 1*, eżebit in atti u mmarkat bħala ‘Dok HC’, jirriżulta ukoll li *Omissis 1* kienet minuri li kellha biss tlettax (13)-il sena fiż-żmien li seħħ il-każ odjern, u

għalhekk huwa applikabbli it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li :-

> *"Iżda wkoll meta persuna tinsab ħatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jewġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jewċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalmentjiltaqgħu iż-żgħażagħ, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, lil* ***minuri****, lil mara tqila jew lil persuna litkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, il-piena tiżdied bi grad."*

Jingħad ukoll illi f'dan il-każ, il-prosekuzzjoni ddikjarat li dan kien każ ta' *trafficking by sharing*. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Norbert Ciappara) -vs- Omissis** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), il-Qorti qalet hekk dwar il-kunċett ta' *trafficking by sharing :-*

> *"Illi l-kuncett ta' dritt li isawwar l-"iskuzanti" ghar-reat ta' traffikar jew kif inhu ahjar imsejjah it-trafficking by sharing, fejn allura hija prevista piena aktar miti minn dik tassattiva tal-prigunerija, giet introdotta fil-ligi taghna permezz ta'l-Att XVI ta'l-2006. Il-hsieb tal-legislatur mal-promulgazzjoni tal-emenda gie imfisser hekk:*
>
> ***"Sal-lum kull każ ta' traffikar – żgħir jew kbir, sharing u mhux sharing – kien jaqa' taħt il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-każ tiegħek jaqa' taħt din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karċerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jiġifieri l-aħjar li tista' tmur huwa li teħel sitt xhur ħabs. .... għalmin qiegħed jaqsam ma' xi ħadd ammonti żgħar ta' droga. Xorta jitqies bħala traffikar b'mod ġenerali, pero' mhux bilfors li l-ħati jintbagħat il-ħabs. Għalhekk m'aħniex qed inneħħu l-piena karċerarja għax-sharing imma qed ngħidu li filkaż ta' sharing mhux bilfors li jkun hemm piena karċerarja.***

***Din l-emenda qed nagħmluha b'tali mod li ma jkunx hemm xi ħadd li jipprova jużaha sabiex ma jmurx il-ħabs meta ħaqqu jmur il-ħabs. Qegħdin ukoll noħolqu l-parametri u nagħtu d-diskrezzjoni lill-qorti. Qegħdin ngħidu li ddroga li kellu ma kenitx sabiex jagħmel il-flus biss minnha imma l-intenzjoni tiegħu hija dik li jikkonsmaha personalment jew ma' xi ħadd ieħor. Barra minn hekk l-akkużat jista' jikseb dan il-benefiċċju għal darba waħda biss, jiġifieri jekk wara li l-qorti ma tkunx bagħtitu l-ħabs fil-każ ta' sharing u dan jerġa' jikkommetti reat ieħor ta' sharing, ikollu jmur il-ħabs bilfors, bil-piena minima karċerarja ta' sitt xhur.*** [23]**"**

*Dan ifisser illi l-legislatur kellu f'moħħu dawk il-persuni li jkunu fil-pussess tad-droga f'ammonti zghar u li ma ghandhomx l-intenzjoni jaghmlu qliegh minnha, izda biss li jikkonsmawha huma stess jew inkella li jikkonsmawha ma haddiehor. Dan ifisser allura illi f'dawn il-kazijiet biss it-traffikar, li allura jinkludi kull provvista ta' sustanza illecita lil terzi, jista' igorr piena alternattiva ghal dik karcerarja. Illi din il-mitigazzjoni fil-piena hija estiza ukoll ghar-reat tal-pussess aggravat. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn id-dicitura tal-ligi fl-artikolu 120A(7) hemm ipprovdut testwalment illi:*

***"Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew (b)(i): Kap. 446.***

***Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-***

[23] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-seduta parlamentari numru 388 tat-23 ta' Mejju 2006.

***medIċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:***

***Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan."***

*Illi mid-dicitura tal-ligi allura johrog l-element formali tar-reat u cioe' l-hsieb preordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li ikollu fil-pussess tieghu fl-istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-test ingliz fejn jinghad illi "the offender intended to consume the drug on the spot with others." Dan certament ma jinkludiex dik is-sitwazzjoni allura fejn l-hati ikun akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil terzi.*

Konsegwentement, sabiex jirriżulta *trafficking by sharing* fl-ewwel lok neċessarjament iridu jirriżultaw l-estremi ta' traffikar. Illi kif ingħad, fil-każ in eżami, jirriżulta li l-imputat għadda d-droga lil *Omissis 1*, fis-sens li qasam magħha d-droga kokaina, li minnha kien qed jikkonsma huwa ukoll. Huma kkonsmaw din is-sustanza flimkien fl-istess post. Dan l-aġir jinkwadra fil-kunċett ta' *trafficking by sharing* hekk kif definit ai termini tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta:-

*".. li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istesspost flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profit .."*

Fid-dawl ta' dak suespost, il-*qua* imputat ser jinsab ħati tal-imputazzjoni ta' traffikar tad-droga kokaina miġjuba kontrih, b'dan li l-imsemmija imputazzjoni taqa' fil-parametri tal-ewwel proviso tas-subartikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Reċediva**

L-imputat ġie addebitat ukoll bir-reċidiva. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-addebitu ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

**Dwar il-piena**

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura serja tal-imputazzjoni li tagħha qiegħed jinstab ħati, il-fatt illi l-imputat provda d-droga lil minuri ta' tlettax (13)-il sena, liema fatt irendi r-reat iktar gravi u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Tqis ukoll li din il-Qorti m'għandix prova sal-grad rikjest fil-liġi dwar l-ammont ta' droga kokaina li kien forniha l-imputat stante li d-depozizzjoni tax-xhud ma kinetx determinati għal dik li hija l-kwantita' tad-droga li hija kkonsmat. Madanakollu tqis li din kienet tali li waslitha sabiex idaħħlet l-Isptar *Mater Dei* tbati minn *overdose* tad-droga.

Tqis ukoll it-trapass ta' żmien, stante li jirriżulta li l-imputat tressaq il-Qorti sabiex jaffaċja dawn il-proċeduri kważi ħames (5) snin wara. Qegħda tieħu ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali aġġornata tal-imputat minn fejn jirriżulta li l-imputat għandu fedina penali netta. Tqis ukoll il-fatt li dan huwa każ ta' *trafficking by sharing*.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), (1B), 22(2)(b)(i), it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) u l-Artikolu 22(9) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-addebitu tar-reċediva u tilliberah minn dan l-addebitu, filwaqt li qegħda ssibu ħati tal-imputazzjoni tat-traffikar tad-droga kokaina miġjuba fil-konfront tiegħu, inkluż

tal-aggravju ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan li l-imsemmi traffikar ikun meqjus bħala *trafficking by sharing*, u tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien tliet (3) snin mill-llum, kif ukoll multa ta' elfejn ewro (€2000).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien wieħed u għoxrin (21) xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem *Omissis 1* u ta' isem ommha *Omissis 3*, kif ukoll ta' *Omissis 2*, stante li kienu minuri fiż-żmien tal-każ odjern.

**Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil**

**Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara**